MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 183/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Agius)**
**Vs**

**Salvu Rotin**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli bejn il-11 t'Awissu 2001 u s-17 t'Awissu, 2001, ezercita d-dritt li jippretendi li ghandu, billi cahhad lil Carmelo Rotin mit-tgawdija w l-uzu tal-ilma li jinstab b'bir sitwat f'art tal-Barumbara, Santa Lucia.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Mejju, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-

imputat hati w ikkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ mitt lira Maltin (LM100).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta’ Gunju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija jew piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’ :- 1. Preliminarjament l-appellant qatt ma gie notifikat bl-akkuza li harget fl-1 t’ Ottubru, 2001 u ghalkemm l-appellant issolleva din l-eccezzjoni *seduta stante* , l-Ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni ta’ din l-eccezzjoni ; 2. Konsegwentement l-azzjoni kriminali hija preskritta; 3. Li ghalkemm is-sentenza appellata, taghmel riferenza ghar-relazzjoni teknika f’ kawza ohra kontra l-istess appellant, l-perit tekniku ma kienx inghata inkariku fil-kawza odjerna imma biss inkarigu limitat ghall-akkuza li tirrigwarda l-kaz tal-24 ta’ Novembru, 2000. Infatti ma nstemghu ebda xhieda fuq il-kaz in ezami u ma gew prodotti ebda provi ; 4. Li l-appellant inghata kopja tas-sentenza appellata proprju fl-ahhar jum li fih kien jaghalaq it-terminu tal-appell.**

**Semghet ix-xhieda;**

**Rat il-fedina penali tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat ir-riferti esebiti mill-prosekuzzjoni fl-udjenza tad-29 ta’ Settembru, 2005,(Doks. R1 sa R24).**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ewwel w t-tieni aggravji tal-appellant huma fis-sens li una volta li hu ma kienx gie a tempo debito notifikat bil-komparixxi meta din harget f' Ottubru, 2001, l-azzjoni hija preskritta.**

**Illi hu pacifiku li l-preskrizzjoni fir-rigward tar-reat ta' ragjon fattasi kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huwa ta' sentejn mid-data tal-kommissjoni tar-reat skond l-artikolku 688 (e) tal-Kodici Kriminali.**

**Li mix-xhieda ta' Dr. Woods u Dr. Chris Soler moghtija fl-udjenza tad-29 ta' Settembru, 2005, jirrizulta li ghalkemm quddiem l-Ewwel Qorti kienet issemmiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, meta l-avukati ndunaw li issa kienet tfaccat akkuza ohra – dik in ezami – wara li l-kawza l-ohra fl-istess ismijiet kienet ilha ghaddejja ghal xi snin, id-difiza ma vverbalizzatx l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni formalment. Dan pero' hu michud minn Dr. Frank Cassar, Avukat tal-parte civili, li jghid li quddiem l-Ewwel Qorti qatt ma ssemmiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. L-Ispettur Abraham Zammit xehed li ma jiftakarx li hareg xi citazzjoni fuq xi horza. Iz-zewg citazzjonijiet kienu fuq l-uzu tal-ilma f' zewg dati differenti.**

**PC 732 Joseph Aquilina li esebixxa r-riferti fuq imsemmija xehed li ma kellux dokumenti li juru meta c-citazzjoni f' din il-kawza harget l-ewwel darba u li kellu biss ir-riferti tas-seduti u dawn kienu juru li ma kienux ghaddew sentejn mid-data tal-kommissjoni tal-allegat reat. Iz-zewg kawzi kienu qed jimxu flimkien, u kienu wahda minnhom case 29 u 35 u l-ohra case 43 tas-6 ta' Novembru, 2002, ghalkemm bdew fi zminijiet differenti. Ir-riferta tirriferi ghaz-zewg kawzi.**

**Il-Perit Valerio Schembri xehed li inizjalment lilu kienu ghaddewlu komparixxi ta' kawza wahda biss u cioe' dik tal-24 ta' Novembru, 2000 (mhux ta' din il-kawza) mill-Awla tal-Magistrat Peralta. Meta mar biex jahlef ir-relazzjoni tieghu quddiem il-Magistrat Dr.T.Mizzi, (u dan kien fit-8 ta' Novembru, 2004 skond il-verbal a fol. 3) , Dr. Frank Cassar, kien staqsa "*Meta ha nibdew it-***

***tieni wahda?".*** **Allura hu kien baghat lill-Ispettur biex jibdew jisimghu il-provi fuq it-tieni kawza u kien avvicinah jew l-Avukat Dr. Cardona jew Dr. Woods u kienu qalulu li jridu direzzjoni mill-Qorti dwar it-tieni kawza. Lilu qatt ma tawh komparixxi fuq it-tieni kawza u qatt ma semgha provi dwarha. Jaf li fuq it-tieni wahda ssemmiet horza meta Dr. Cassar semma li trid timbeda t-tieni kawza.**

**Ikkonsidrat**

Illi l-akkuza odjerna tirriferi ghad-dati tal-**11 u 17 t' Awwissu 2001**, meta hu allegat li l-appellant ikkommetta r-reat ta' ragion fattasi. Jidher mit-timbru fuq li l-komparixxi a fol. 1 li din harget fl-1 t' Ottubru, 2001 u l-kawza kellha tibda tinstema' quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-20 ta' Novembru, 2001. Sfortunatament ma jirrizultax x' sar ezatt fl-ewwel dehra u fid-differimenti sussegwenti sat-13 t' Ottubru, 2004, ghaliex kif jidher mill-verbal a fol. 2 tal-process, l-atti kollha ta' din il-kawza gew mahruqa fil-hruq li hakem l-Ufficcju u l-Awla numru 2 fit-12 ta' Lulju, 2004, tant li l-Ewwel Qorti tablet lill-Prosekuzzjoni biex tforniha b' kopja tac-citazzjoni. Di fatti jidher car li l-komparixxi a fol. 1 tal-process hija biss foto-kopja. Fuqha jidhru diversi numri tal-kawza skond is-seduta li tkun u dati ta' differimenti li prezumibbilment ikun nizzel l-ufficjal prosekutur. Di fatti bil-linka blu hemm biss tlitt numri , li tnejn minnhom huma sgassati u numru iehor tal-fotokopja li hu sgassat bl-istess linka, maghmula prezumibbilmernt mill-Magistrat jew mill-ufficjali tal-awla tieghu. Hemm umbaghad id-dati tad-differimenti ulterjuri wara li l-Ewwel Qorti inghatat kopja tal-komparixxi fit-13 t' Ottubru, 2004 u dawn jidhru b' linka sewda u prezumibbilment saru mill-Ewwel Qorti .

**Illi din il-Qorti hadet il-briga biex tara jekk in-numri tal-kawza li jidhru fuq il-kopja tal-komparixxi a fol. 1 tal-process jaqblux man-numri tal-kawza li jidhru fuq ir-riferti esebiti, ezercizzju dan li jmissu sar mill-partijiet. Illi l-ewwel riferta li ghandha numru li jaqbel ma wiehed minn-numri li jidhru ingassati fuq il-komparixxi, u cioe' n-numru 39, hija dik li ggib id-data**

**tat-23 ta’ Mejju, 2003 u li turi li l-appellant gie notifikat b’ xi att tal-Qorti fis-17 ta’ Gunju, 2003. (Dok. R 4) . Hemm umbaghad ukoll ir-riferta (Dok. R 7) li harget fl-20 ta’ Gunju, 2003 u turi li l-appellant gie notifikat b’ xi att tal-Qorti fl-4 ta’ Lulju, 2003. Ir-riferti ta’ qabel juru numri tal-kawza li mhumiex dawk li jinsabu a fol. 1. Ir-riferti l-ohra kollha jirrigwardaw dati oltre l-periodu preskrittiv ta’ sentejn li kien jiskadi fis-17 t’ Awwissu, 2003.**

**Issa pero’ ma jirrizultax jekk dawn iz-zewg riferti (Dok. R4 u R7) jirrigwardawx in-notifika tal-komparixxi originali f’ din il-kawza jew jekk jirrigwardawx in-notifika biss ta’ xi differiment tal-kawza, peress li skond id-dati li hemm fil-margini tal-kopja tal-komparixxi a fol. 1 jidher li l-kawza kien ilha tigi appuntata u differita ghal diversi drabi qabel iz-zewg dati meta l-appellant kellu jidher quddiem il-Qorti skond l-istess riferti. Ghalhekk hemm mhux biss il-possibilta’ imma probabbilta’ qawwija li dawn iz-zewg riferti kienu jirrigwardaw l-avviz li soltu jinhareg bid-dati tad-differimenti u mhux in-notifika tal-komparixxi.**

**Illi f’ dan il-kaz partikolari lanqas ma jista’ jintqal li una volta li l-appellant kien irceva ordni biex jidher il-Qorti, sija pure taht forma ta’ Avviz ta’ Smiegh tal-Kawza, hu kien imissu qaghad ghal dak l-ordni w jattendi ghas-seduta avvzata w hemm umbaghad jiddikjara li ma giex notifikat bl-imputazzjoni w jesigi li jigi notifikat bl-istess jew jaghti ruhu notifikat biha “seduta stante”, ghax fil-fatt l-appellant x’ aktarx li kien qed jidher ghas-seduta imma, skond hu, minghalih li qed jattendi ghad-differiment tal-kawza l-ohra precedenti li kienet tinsab quddiem il-Perit Valerio Schembri. Ghalhekk mhux eskluz li hu, jekk kif jghid ma kienx irceva l-komparixxi f’ din il-kawza, seta haseb li qed jigi msejjah biex jidher ghall-kawza l-ohra, kif del resto anki xehdu w ddikjaraw l-Avukati tieghu.**

**Illi hu minnu li l-artikolu 693 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li z-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser b’ kull att tal-procediment u li l-gurisprudenza tinkludi ma**

**dawn l-atti notifika bil-miktub ta' jum tas-smiegh tal-kawza, pero' ma jaghmilx sens li wiehed jirritjeni li jkun imbeda procediment meta l-imputat qatt ma jkun gie notifikat bil-komparixxi inizjali jew, fil-kaz tal-prezentata, ma jkunx gie a konoxxenza tal-akkuza li ghandu jiffaccja. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-procediment ikun beda meta jigi notifikat bl-akkuza l-imputat. Wara umbaghad kull periodu ta' preskrizzjoni jista' jigi interrott bil-mezzi indikati fl-artikolu 693. Illi huwa minnu li llum l-applikazzjoni tal-artikolu 693, wara l-emenda tal-artikolu 687 introdotta bl-Att III tas-sena 2002, isib applikazzjoni aktar skarsa fil-prattika u x' aktarx biss ghall-kazijiet kontemplati fis-subartikolu (2) , ghaliex illum, la darba l-akkuzat ikun <u>gie notifikat bl-imputazzjoni</u>, saz-zmien li tinghata s-sentenza finali iz-zmien tal-preskrizzjoni jkun sospiz f' kull kaz.**

**Iilli ghalhekk fl-istat tal-provi kif inhu w mir-riferti li gew esebiti, ma jirrizultax li l-appellant kien gie notifikat bl-akkuza odjerna entro l-periodu preskrittiv ta' sentejn mid-data tal-kommissjoni tal-allegat reat u dan jirrendi l-akkuza preskritta .**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell inkwantu qed tiddikjara l-akkuza presktitta skond il-ligi u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------